MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2015/2002

**Vodafone Malta Limited**
**vs**

**Simon Cauchi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-26 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185.00), rappresentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 99457329;**
**Minkejja nterpellata sabiex thallas diversi drabi is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kif ukoll bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma din it-talba.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Grech ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija (Lm185.00), bl-imghax legali mit-26 ta' Awissu, 2002.**

**L-ispejjez ta dina l-istanza kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mat-talba ghandhom jigu sopportati mill- konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------